**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jonathan Bugeja**

Kaz Numru: 103/2017

Illum 21 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jonathan Bugeja** iben Emanuel u Antonia nee' Grech, imwieled fil-15 ta' Novembru 1984, u residenti fil-fond numru 12, Lunzjata Court, Flat 5, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex u detentur tal-karta' tal-Identita' bin-numru 41584(G), akkużat talli nhar il-5 ta' Novembru 2016 ghall-habta tal-17:15hrs u fil-hinijiet ta' qabel fl-inhawi tal-Gholja ta' Gelmus jew fil-vicinanzi f'Ghawdex;

1. kellha fil-pussess tieghu skratacc ikkargati b'comb ta' diametru aktar minn 3.30mm bi ksur tar-Regolament 22 tal-L.S. 549.42;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu ta' apparat elettroniku jew uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar bi ksur tal-Artikolu 7(1)(D)b tal-L.S. 549.42;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-L.S. 549.42, tordna l-konfiska tal-***corpus delicti*** u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti L.S. 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perijodu applikabbli.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet lill-pulizija xhieda tal-kaz jiddikjaraw li l-imputat ikkopera maghhom mill-ewwel u li l-bird caller kien fil-kaxxa tat-trakk u ma kienx qieghed jintuza.

Semghet lill-imputat Jonathan Bugeja jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet lir-rapprezentant tal-WBRU u l-Prosekutur jitrattaw dwar il-piena fejn kien hemm qbil li din tkun fil-minimu taghha minhabba l-koperazzjoni tal-imputat u li huwa tressaq minhabba li kien fil-pussess tal-iskratacc u mhux ikkaccja bihom u li f'dan il-kaz ma tapplikax is-sospensjoni tal-licenzja.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillbera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu peress li din ma tirrizultax stante li l-apparat kien jinsab fit-trakk tieghu mitfi u ghaldaqstant l-

apparat elettroniku jew uzu ta' tisfir minn qabel ta' ghasafar ma kienx qed jintuza, fuq ammissjoni, wara li rat ir-Regolament 22(a) u 27 (3)(a) tal-L.S. 549.42, issib lill-imputat Jonathan Bugeja hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€ 500.00).

*In oltre* Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-*bird caller* u tat-tliet (3) skratacc esebiti bhala Dok B a favur il-Gvern ta' Malta.

_________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**